# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 30/2017/1 MCH**

**Joseph Farrugia, Adrian James Abela, John Brincat, Berry Cassar, Joseph Schembri**

***v.***

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta; il-Ministeru għat-Trasport u għall-Infrastruttura; l-Onor. Ministru għat-Trasport u għall-Infrastruttura; u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u għall-Infrastruttura**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża taħt l-art. 734(1)(*d*)(ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[1] mressqa mill-atturi b'rikors tat-3 ta' Frar 2022.

---

[1] »**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –

… … …

(*d*) (i) … … ….

(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala mħallef jew bħala arbitru:

Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles *ab observantia*.

2. Ir-raġuni għar-rikuża ġiet imfissra hekk:

> »L-appellanti jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt illi s-sentenza mogħtija minn dan l-onorabbli Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) [*recte*, Qorti Kostituzzjonali] u *cioè* dik fl-ismijiet: Anthony Farrugia *et v.* L-Awtorità għat-Trasport f'Malta *et* (kawża numru 89/16) kien ukoll kompost miż-żewġ imħallfin li dan l-onorabbli Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) huwa kompost, *ossia* l-onorabbli Mħallef Dr Giannino Caruana Demajo, u l-onorabbli Mħallef Dr Anthony Ellul rispettivament.
>
> »L-appellanti jsostnu li l-atturi appellanti f'dik il-kawza huma rmiġġjaturi bħalhom kontra l-istess konvenuti appellati, dwar mertu simili.
>
> »L-appellanti jemmnu li *stante* l-ġudizzju tal-kawża kien mogħti mill-qorti kif kienet komposta u *dunque* ġà esprimiet ruħha fuq il-mertu, u tali komposizzjoni hija replikata fl-appell in deżamina, u *di più stante* li għandu jkun hemm serħan tal-moħħ f'ġudizzju ekwu u ġust ta' dawn il-proċeduri, jeħtieġ li l-onorabbli ġudikanti msemmija għandhom jirrikuzaw ruħhom u dan a tenur tal-ġurisprudenza nostrana u baranija.
>
> »Fil-fatti huma diversi s-sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna li jsostnu li anki jekk ma jkunx hemm lok ta' rikuza abbażi tal-artikolu 734 (*d*)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jfissirx li b'daqshekk il-kwistjoni tingħalaq hawn għax l-imparzjalità tal-ġudikant hi waħda mis-salvagwardji tad-drittijiet ta' smigħ xieraq u kwindi, jekk il-liġi ġenerali ma tipprovdix rimedju fejn jistħoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea jistgħu jiġu invokati biex jingħata rimedju opportun, biex ikun garantit is-smigħ xieraq.«

3. Il-konvenuti wieġbu fit-22 ta' Frar 2022 u opponew għat-talba.

4. Jingħad qabel xejn illi, għalkemm tnejn mill-konvenuti fil-kawża tallum – l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Ministru għat-Trasport u għall-Infrastruttura – kienu wkoll konvenuti fil-kawża msemmija fir-rikors, ebda wieħed mill-atturi tallum ma kien parti fil-kawża.

5. Tassew illi l-fatti fil-kawża tallum jixbhu dawk fil-kawża msemmija fir-rikors; dan ma jfissirx iżda illi, għax ta sentenza f'kawża bejn partijiet oħra dwar l-istess istitut legali fil-kuntest ta' fatti partikolari, imħallef ma jista' qatt iżjed jisma' u jaqta' kawża dwar l-istess istitut legali fejn il-fatti huma l-istess għalkemm il-partijiet differenti, bħallikieku darba waħda biss fil-karriera tiegħu mħallef jista' jagħti sentenza bħala dik.

6. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża, li tqisha bħala waħda fiergħa.

7. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr